**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-4 ta Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte dei conti – Sezione regionale di controllo per la Campania) – l-Italja – Comune di Camerota**

**(Kawża C-161/21)** [1]

***(Talba għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Direttiva 2011/85/UE – Direttiva 2011/7/UE – Politika ekonomika u monetarja – Kollettività lokali f'diffikultà finanzjarja – Pjan finanzjarju ta' bbilanċjar – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissospendi s-setgħat ta' stħarriġ tal-Qorti tal-Awdituri minħabba l-kriżi sanitarja marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' "qorti nazzjonali" – Assenza ta' tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju – Inammissibbiltà manifesta)***

(2022/C 51/17)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte dei conti – Sezione regionale di controllo per la Campania

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Comune di Camerota

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte dei conti – Sezione regionale di controllo per la Campania (il-Qorti tal-Awdituri – Awla reġjonali ta' stħarriġ għall-Campania, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 Marzu 2021, hija manifestament inammissibbli.

[1] ĠU C 217, 07.06.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Hamburg – il-Ġermanja) – TUIfly GmbH vs FI, RE**

**(Kawża C-253/21)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 5 – Artikolu 7 – Artikolu 8(3) – Passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu u kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet – Kumpens u assistenza għal passiġġieri – kunċett ta' "kanċellazzjoni" – Devjazzjoni ta' titjira lejn ajruport li ma jaqdix l-istess belt, agglomerazzjoni jew reġjun differenti minn dak inizjalment previst – Bdil tar-rotta tal-passiġġieri permezz tal-kowċ)***

(2022/C 51/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* TUIfly GmbH

*Konvenuti:* FI, RE